

- 2) Jekk tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, kif din tiġi rrikonċiljata mal-prinċipju stabbilit mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tad-19 ta' Novembru 2009, *Sturgeon et*, C-402/07 u C-432/07, EU:C:2009:716, li jipprovdi li l-Artikolu 5 tal-imsemmi regolament għandu jiġi interpretat fis-sens li l-passiġġieri ta' titjiriet imdewma jistgħu jiġu ttrattati bħala passiġġieri ta' titjiriet ikkanċellati għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dritt għal kumpens meta, fir-rigward ta' dan id-dritt, il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Ottubru 2012, *Nelson et*, C-581/10 u C-629/10, EU:C:2012:657, ikkonstatat li t-tul ta' dewmien lil hinn minn tliet sigħat ma jitteħidx inkunsiderazzjoni għad-determinazzjoni tal-kumpens fiss?

(¹) Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jstabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jtilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (Franza) fil-25 ta' Ġunju 2015 –
Vincent Deroo-Blanquart vs Sony Europe Limited, aventi kawża ta' Sony France SA**

(Kawża C-310/15)

(2015/C 294/47)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Cour de cassation

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Vincent Deroo-Blanquart

Konvenuta: Sony Europe Limited, aventi kawża ta' Sony France SA

Domandi preliminari

- 1) L-Artikoli 5 u 7 tad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern (¹) għandhom jiġu interpretati fis-sens li tikkostitwixxi prattika kummerċjali żleali qarrieqa, l-offerta konġunta li tikkonsisti fil-bejgħ ta' kompjuter mgħammar b'programmi installati minn qabel, meta l-manifattur tal-kompjuter ikun ipprova, permezz tan-negozjant tiegħu, informazzjoni fuq kull programm installat minn qabel, iżda ma jkunx speċifika l-prezz ta' kull wieħed minn dawn l-elementi?
- 2) L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/29/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li tikkostitwixxi prattika kummerċjali żleali, l-offerta konġunta li tikkonsisti fil-bejgħ ta' kompjuter mgħammar b'programmi installati minn qabel, meta l-manifattur ma jħalli l-ebda għażla oħra lill-konsumatur għajr li jaċċetta dawn il-programmi jew li jirrevoka l-bejgħ?
- 3) L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/29/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li tikkostitwixxi prattika kummerċjali żleali, l-offerta konġunta li tikkonsisti fil-bejgħ ta' kompjuter mgħammar b'programmi installati minn qabel meta l-konsumatur ma jkunx jista' jikseb mingħand l-istess manifattur kompjuter li ma jkunx mgħammar b'programmi?

(¹) ĠU L 149, p. 22.